**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru, 2020**

**Avviz Numru: 31/2020 MLF**

**Electrical Supplies & Services Limited**

**vs**

**Yoseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta` attrici Electrical Supplies & Services Limited sabiex il-konvenut Yoseph Camilleri jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sebat elef mija u sebgha u tmenin Ewro u seba centezmi (€7,187.07) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija u oggetti mibjugha u konsenjati lill-intimat fuq ordni u ghall-beneficcju tal-intimat.
Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat ma ipprezentax risposta u lanqas deher fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2020.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ Alison Muscat, rapprezentanti tas-socjeta attrici, jirrizulta li l-kreditu pretiz fl-avviz mis-socjeta attrici minghand il-konvenut, ghall-oggetti lilu mibjugha ghadu dovut fl-intier tieghu.

Kif diga inghad fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2020, il-konvenut ma deherx, u lanqas ipprezenta risposta.

Mill-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li t-talba tas-socjeta attrici hija gustifikata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ sebat elef mija u sebgha u tmenin Euro u seba’ centezmi (€7,187.07), bl-imghax legali kontra l-konvenut.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**